MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2003

Avviz Numru. 611/2002

**Registratur tal-Qorti**

**Vs**

**Hugo Chetcuti**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat l-14 t'Ottubru tas-sena 2002 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenut biex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat illi ddisprezza l-awtorita' tal-Qorti talli fis-26 ta' Awissu, tas-sena 2002, aggredixxa persuna, jigifieri lil Joe Mifsud, gurnalist, fil-procint ta' Awla tal-Qorti tal-Magistrati (Malta);**

**Rat in-nota datata l-14 ta' Frar tas-sena 2003 li permezz taghha l-konvenut irrileva s-segwenti:**

**1. Illi fl-ewwel lok huwa qed jammetti t-talba attrici hekk kif dedotta u ghalhekk m'hux se jintavola nota ta' eccezzjonijiet;**

**2. Illi fit-tieni lok il-konvenut jaqbel illi l-eghmil tieghu huwa wiehed li jinkwadra ruhu f'dak dispost fl-Artikolu 998(2) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u ta' dan huwa kien pront skuza ruhu mal-Qorti meta hekk tressaq quddiemha dakinhar stess li sehh l-incident u cioe' fis-26 t'Awissu tas-sena 2002;**

**3. Illi fit-tielet lok il-konvenut jirrileva wkoll illi hekk kif jirrizulta mid-dokument hawn anness u mmarkat Dok. 'HC 1' (erronjament u bi zvista f'din l-ittra hemm riferenza ghal Joseph "Muscat" u m'hux "Mifsud"), huwa kien ukoll ghamel tajjeb ghall-hsara ikkagunata fin-nuccali propjeta' ta' Joe Mifsud u dana ferm qabel ma gew istitwiti l-proceduri odjerni;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokument prodott;**

**Semghet lir-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi preliminarjament tirrileva li l-artikolu citat mill-konvenut fin-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu fuq fedelment riprodotta hu erroneu;**

**Illi ghalkemm in vista tan-nota tal-konvenut fuq riferit il-procedura odjerna hi ta' facile spedizione pero' ghandu jinghad li din il-qorti kif preseduta thossha preokkupata ferm li f'dan l-istadju ta' l-evoluzzjoni ta' pajjizna wiehed ghad irid jikkonsidra proceduri ta' dan it-tip;**

**Illi dan qed jinghad ghaliex effettivament il-kwistjoni odjerna tirrikejdi triplica analizi stante li hawn si trattata ta' mankanza lejn id-dinjita' tal-qrati, tal-**

**gurnalist ikkoncernat u tal-istess persuna li ipprecipitat din il-procedura;**

**Illi ghandu jkun pacifiku li zvog bhal dak in dizamina m'hux biss m'hux accettabbli fl-edifizzju fejn attwalment sehh izda imkien;**

**Illi effettivament l-edifizzju fejn sehhet l-aggressjoni in nifisha jaggrava l-materja;**

**Illi di piu', gurnalist li jkun prezenti fil-kuriduri ta' dawn il-qrati li jkun ikkoncentrat fuq xoghol qatt m'ghandu jghaddi minn esperjenza hekk sgradevoli – specjalment meta dan qieghed mhux biss iwettaq id-doveri tieghu bhal kull haddiem iehor izda qed iservi kemm lill-opinjoni pubblika li ghandha dritt tkun informata b'dak li jkun qed jigri fil-qrati u lill-istess qrati stante li permezz tal-professjoni tieghu d-doveri taghhom jigu rezi trasparenti;**

**Illi finalment, persuna f'socjeta' demokratikament sana qatt m'ghandha tiddiminwixxi d-dinjita' taghha billi tagixxi b'dan il-mod stante li din is-socjeta' tipprotegi d-drittijiet taghha wkoll billi tforni lill-kwalunkwe lanjant b'batterija shieha ta' alternattivi legali li tista' timmaniggja fl-ahjar interessi taghha;**

**Illi l-vjolenza m'hix permissibbli u mhix ser tigi avallata minn din il-qorti;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi nonostante dan jidher li l-konvenut irrealizza li l-agir spropozitat tieghu kien wiehed ta' stmerrija peress li sa zmien xahar mill-akkadut kien gia' ghamel tajjeb ghad-danni kkagunati lill-gurnalista kkoncernat wara li kien gia' esprima d-dispjacir tieghu ghall-akkadut lill-istess qorti;**

**Illi di piu' dan l-istess konvenut, anke abbilment xprunat mir-rapprezentant legali tieghu, rega'**

**ikkonferma dan kollu bil-gurament tieghu quddiem din l-istess qorti kif preseduta;**

**Illi pero' din il-qorti, minn analizi akkurat tad-deposizzjoni guramentata tal-konvenut, jirrizultalha li l-konvenut ghadu b'certu animozita' fil-konfront tal-gurnalista ikkoncernat stante li jsostni li dan agixxa b'dan il-mod fil-konfront tal-gurnalista in dizamina peress li dan ta' l-ahhar kien ilu jikteb madwar ghaxar (10) snin fuqu – haga negata awtorevolment mill-istess gurnalist;**

**Illi di piu' atitudini bhal din kif manifestata quddiem din il-qorti tindika li ghalkemm il-konvenut wera certu rimors pero' ghadu ma fehemx li r-rimedju ghal kwalunkwe lanjanza, anke jekk immaginarja, mhux dak li jirrikorri jew li jiggustifika l-vjolenza, izda li jagixxi fl-ambitu tas-sovranita' tad-dritt;**

**Illi in vista ta' din il-karenza sottili karpita, filwaqt li takkolji l-ammissjoni tal-konvenut bhala pass posittiv biex jigi raddrizzat il-kontropass attwat minnu, tirrileva wkoll li hi kostretta tiehu konjizzjoni tal-karenza koncettwali tal-konvenut li jidher li ghadu fiducjuz li l-lanjanza tieghu tista' tigi b'xi mod raddrizzata bil-vjolenza – xejn m'hu aktar il-boghod f'socjeta' civili li din il-qorti tispera li qed tiddefendi;**

**Ghaldaqstant din il-qorti takkolji t-talba attrici u tiddikjara lill-konvenut hati taht dak ipprovdut fl-artikolu 989 tal-Kap 12;**

**Rat l-artikolu 988 (1) (2) u 990 (d) tal-Kap 12;**

**Rat l-artikoli 7(1) (d) u 11 (1) tal-Kap 9;**

**U tikkundanna lill-konvenut Hugo Chetcuti ghall-piena ta' multa ta' tlett mija u tmenin Lira Maltin (LM380.00,0).**

---------------------------------TMIEM---------------------------------